# Paċi u Ġid

No. 93: Ottubru 2019

## "Issir qaddis ifisser issir dejjem iżjed b'mod sħiħ dak li inti"

Papa Franġisku
*Christus Vivit*



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
### Sr Claudia Zammit



Għeżież Qarrejja,

Fil-bidu ta' kull sena skolastika, fl-ewwel ġranet ta' Ottubru, nfakkru l-festa ta' Missierna San Franġisk t'Assisi, qaddis li t-triq tal-qdusija tiegħu bdiet proprju minn laqgħa li hu kellu mal-lebbrużi. F'dak iż-żmien il-lebbra kienet marda li tbeżża', u lil min ikun milqut biha taqtgħu mill-bqija tal-bnedmin. Kristu nnifsu mexxieh biex jiltaqa' mal-lebbruż u għal Franġisku kienet laqgħa li ġegħlitu jbiddel ħajtu. F'din il-laqgħa mal-lebbruż San Franġisk jagħmel esperjenza tal-ħniena għax hu stess wera ħniena mal-lebbrużi, tant li kien jaħslilhom il-ġisem imħassar u l-feriti li kienu jerħu rwejjaħ jintnu.

San Franġisk wasal biex għannaq miegħu lil-lebbruż għax fehem li kien Kristu li kien qed igħannaq lilu u jfejqu mil-''lebbra'' tiegħu, li kienet is-suppervja. Fil-fatt aħna wkoll jista' jiġrilna li, bħal Franġisku, fl-esperjenza tal-lebbruż tal-lum, il-Mulej joffrilna l-grazzja tiegħu biex aħna nidħlu fina nfusna u naraw x'qed ibegħedna milli nuru ħniena ma' ħutna. Nistaqsu lilna nfusna: Illum min huma għalina l-lebbrużi?

Jista' jkun karattru ta' persuna li ma naqbilx magħha; jista' jkun membru minn tal-għaqda jew grupp li nifforma parti minnu li għamilli xi azzjoni ħażina u ma nixtiequx miegħi; jista' jkun il-ġarr li hu miksur miegħi; jista' jkun immigrant li wasal fuq xtutna u għandna ħafna suspetti dwaru. Huma min huma l-''lebbrużi'', bħal San Franġisk, f'dawn l-esperjenzi li ngħaddu minnhom, irridu naraw x'qed igħidilna Alla għax kif igħidilna Ġesu': "dak li aħna nagħmlu mal-iżgħar wieħed fostna, inkunu qed nagħmluh miegħu.''

Kif għamel Franġisku t'Assisi, nawguraw lil xulxin li aħna wkoll lil ħutna l-''lebbrużi'' noffrulhom ftit tal-ħniena għax jafu jkunu huma stess li jdewwquna l-ħniena t'Alla. Paċi u Ġid lil Kulħadd!

Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

*************************************************************************************

## Missjoni: Pastorali mal-pazjenti Maltin f'Londra
### Fr Mario Sant OFM Conv.

F'Novembru tas-sena 2014, il-Ministru Provinċjal, ġie avviċinat mill-Ministeru tas-Saħħa biex il-Provinċja tagħna tal-Franġiskani Konventwali tieħu f'idejha missjoni ġewwa



Londra. Dan jitlob li żewġ patrijiet jkunu responsabbli għas-servizz Pastorali u Spiritwali mal-pazjenti Maltin li jkunu fi sptarijiet differenti fil-belt Ingliża. Din hija grazzja minn Alla li nislet ħafna ferħ minħabba li din l-istedina tagħti lill-Provinċja Maltija l-possibilità li tkompli tgħix il-kariżma ta' Missierna Franġisku.

Il-marid kien ħafna għal qalb San Franġisk. Niftakru b'liema kura materna Franġisku kien jersaq qrib il-batut u l-marid. Niftakru fl-episodju meta Franġisku jinżel minn fuq iż-żiemel, jersaq lejn il-lebbruż mingħajr ma' beża' li jitniġġez mill-ġdiem, tah karità, biesu u għannqu miegħu, u ħass qalbu mimlija ħlewwa u ferħ profond. Franġisku skopra li Alla kien dejjem preżenti fil-qalb tiegħu u nduna li seta' jerġa' jsibu u jieħu ħsiebu, fil-lebbrużi, fil-foqra u fil-morda kollha, kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ.

Franġisku mill-esperjenza tiegħu personali ta' marid fehem tajjeb li f'kull ċirkustanza ta' tbatija umana hemm dejjem bżonn li wieħed ikollu lil xi ħadd kalm u ġeneruż qribu, ma' min jaqsam il-mumenti diffiċli. Għalhekk, l-imħabba disinteressata, l-umiltà, s-serenità, s-sensibiltà u l-predisposizzjoni li jidħol f'sintonija mas-sentimenti ta' ħaddieħor, kienet tgħin lil San Franġisk jifhem u jingħata għall-marid. Infatti għalih il-persuni fil-bżonn kienu jiġu qabel kull regola.



San Franġisk ma kienx biss idewwi u jgħin lill-lebbrużi, iżda għal perjodi twal kien jgħix magħhom, kien jaqsam magħhom kull aspett u kull mument ta' dik il-miżerja. Tant kien iħobbhom li kien iqishom daqslikieku ħutu, meta s-soċjetà kienet tqishom ġa mejta. F'din l-esperjenza, it-tbatija għal fqajjar ta' Assisi issir mezz ta' purifikazzjoni u qdusija; don minn Alla milqugħ bi gratitudni u disponibilità kbira.

Din il-missjoni nisslet ħafna entużjażmu iżda wkoll sfidi għall-Provinċja tagħna u bdiet isseħħ minn Jannar 2015, meta jiena flimkien ma' Patri Colin Sammut ingħaqadna ma' komunità ta' tliet patrijiet li qegħdin f' Waterloo, Londra. U f'Mejju 2015 ingħaqad f'din il-missjoni wkoll Patri Stephen Borg.

Il-Pazjenti Maltin li jintbagħtu Londra biex jirċievu xi trattamenti mediċi, huwa minħabba l-gravità tal-każijiet u l-bżonn ta' kura speċjalizzata li f'Malta mhijiex offruta. Minn mindu bdejna din il-missjoni ltqajna ma' diversi tipi ta' pazjenti: minn kull stat, klassi fis-soċjetà, reliġjon u ta' kull età; trabi tat-twelid, tfal, żgħażagħ, u adulti. Ħafna drabi dawn il-pazjenti ikunu akkumpanjati mill-qraba tagħhom. Għalhekk, dan jitlob li s-servizz tagħna jkun

offrut ukoll għall-ġenituri u qraba tagħhom. Minħabba l-għadd sabiħ u differenti ta' nies li niltaqgħu magħhom nistgħu ngħidu (speċjalment għall-pazjenti li jqattgħu żmien twil ġewwa Londra) li għandna parroċċa oħra bħala Provinċja. Ħafna drabi l-pazjenti u l-qraba tagħhom li jinżlu Malta ifittxu li jibqgħu f'kuntatt magħna.



Is-servizz li nagħtu lil dawn il-pazjenti huwa varju. L-ewwel u qabel kollox qegħdin hawnhekk għas-support morali, spiritwali u pastorali li jkollhom bżonn il-pazjenti u l-qraba. Nibdew il-jum biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fir-residenza tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesà qrib Victoria Station u nhar ta' Ħadd niċċelebraw quddiesa oħra għar-residenti li jkunu ġewwa Sutton. F'jiem liturġiċi speċjali għalina l-Maltin bħal Jum id-Duluri (tar-Randan), Santa Marija u oħrajn issir liturġija speċjali biex il-pazjenti u l-qraba jħossuhom kemm jista' jkun qrib anke dik li hija tradizzjoni għalkemm ikunu 'l bogħod minn pajjiżhom.

Lill-pazjenti nżuruhom kull ġimgħa u anke iżjed skont il-ħtieġa. Immorru nżuruhom kemm fl-isptarijiet kif ukoll fir-residenza tas-Sorijiet u fl-appartamenti ta' Puttinu għal dawk li jkunu outpatients. Matul din l-esperjenza, intbaħna li anke l-mediċina għandha l-limiti tagħha u li mixja ta' fidi akkumpanjata mill-imħabba biss, tgħin biex il-bniedem jibqa' jsib il-wens u l-paċi tal-qalb meta ma jkunx hemm iktar tama jew fl-estrem meta l-pazjent ikun qed itemm il-vjaġġ tiegħu fuq din l-art.

Forsi il-biżgħat qabel ma' wieħed jasal f'din il-missjoni jkunu: *imma kif ser nibqa' wieqaf f'dak il-mard kollu, li ħafna minnu jkun gravi? Kif nista' nkun ta' għajnuna għal dawn il-pazjenti? Liema kelma għandi ngħid jew kif nista' nkun bl-aqwa mod viċin tagħhom? Jista' jkun hemm riskji ta' burnouts?* L-ewwel u qabel kollox inħossu l-qawwa ta' mħabbet Alla takkumpanjana mhux f'kull mument iżda kull sekonda. Il-grazzja ta' Alla taħdem ġmielha, u nħossu li l-pazjenti jsiru l-qawwa tagħna. Meta narawhom jifirħu u jitqawwew bil-kuraġġ biss għall-preżenza tagħna r-Reliġjużi, allura nagħmlu ħafna kuraġġ u ningħataw kollna kemm aħna għalihom.

Imdawwlin mill-fidi, b'mod partikulari msejħin li nkunu xhud tal-imħabba fit-tbatija, nagħrfu fil-pazjent il-wiċċ ta' Kristu sfigurat mit-tbatija fil-Passjoni, filwaqt li nżommu f'qalbna l-kliem tiegħu: "Kull darba li għamiltu dan mal-iċken wieħed, għamiltuh miegħi." (Mt 25, 40).

Barra minn hekk insibu support mill-komunità fejn ngħixu kif ukoll mid-diretturi spiritwali u psikologi li dejjem għandna l-possibilità niftħu qalbna magħhom. Anke s-Sorijiet Franġiskani



tal-Qalb ta' Ġesù jieħdu ħsiebna b'kura materna kbira. L-imħabba u l-attenzjoni tagħhom tqawwilna qalbna f'mumenti diffiċli u ta' għejja.

Min hi l-gwida tal-patrijiet f'dan ix-xogħol? Jintebħu li iżjed ma nersqu lejn il-pazjent iżjed għandhom bżonn ikunu imqawwijin u mimlijin bil-grazzja tal-Mulej. Għax fl-aħħar mill-aħħar, dan huwa dak li jistennew minnhom, sew il-pazjenti kif ukoll il-qraba tagħhom. Ommna Marija Santissma, il-mara li ġarrbet u taf x'inhi t-tbatija, iżommuha bħala t-tarka tagħhom f'din il-missjoni, speċjalment f'mumenti diffiċli u anke ta' tiġrib.

Il-marid, b'mod speċjali tal-kanċer anke jekk ikkonfortat mill-viċinanza tal-qraba u ħbieb, quddiem il-marda tiegħu huwa fundamentalment "waħdu" u għandu bżonn il-preżenza ta' esseri umani oħra li jmielu fuq it-tbatija, u jagħmlu miegħu parti minn dan il-vjaġġ. Wara din l-esperjenza ta' erba' snin u nofs nagħtu dan is-servizz, il-Mulej tana din l-opportunità bħala Provinċja li nagħmlu parti mill-mixja ma' dawn il-persuni. Mixja li ħafna drabi fiha, iżjed nirċievu milli nagħtu. F'dawn is-snin intbaħna li l-isptarijiet huma l-aqwa universitajiet u l-pazjenti huma l-aqwa mgħallma u għorrief tal-ħajja għalina. Il-vokazzjoni tagħna hija sejħa ta' mħabba, u din il-missjoni tolqot f'kull aspett din il-kelma u tgħinna ngħixu bis-sħiħ il-vokazzjoni tagħna. Bħalma jgħid Mons. Luigi Novarese: "Maġenb il-marid irid ikun hemm anġli li ma tindunax bihom meta jassistu, iżda tinduna bihom meta ma jkunux hemm. U dan tagħmlu l-karità."

********************************************************************************

## Aħbarijiet mill-Iskejjel tagħna:




F' St Francis School f'Bormla, l-edukazzjoni hija ffukkata fuq l-istudenti. It-tagħlim huwa mibni fuq il-qafas tal- kurrikulu nazzjonali u d-dokumenti tal-edukazzjoni biex niżguraw li ngħinu lit-tfal jiżviluppaw b'mod sħiħ fi spirtu ta' komunità u inkluzjoni. L-għan ewlieni huwa li t-tfal jifhmu l-ħtiega u r-rilevanza tat-tagħlim u b'hekk ikollhom rwol importanti fl-iżvilupp tiegħu.

Fl-iskola tagħna l-għalliema jfasslu l-programmi tat-tagħlim li jinkludu diversi oqsma fosthom ir-Reliġjon, il-Matematika, l-Ingliż, il-Malti, ix-Xjenza, l-iStudji Soċjali, l-Arti u l-Kreattivita', it-Teknoloġija, il- Mużika u l-Edukazzjoni Fiżika. L-aspetti interdixxiplinari jinkludu t-tagħlim dwar iċ- ċittadinanza, l-iżvilupp sostenibbli, id-dimensjoni interkulturali,



l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Dawn jissaħħu permezz tal-proġetti li jkunu għaddejjin matul is-sena.

It-tagħlim jibqa' aġġornat permezz tat-taħriġ u l-opportunitajiet li l-għalliema jingħataw b'mod kontinwu kemm fl-oqsma tat-tagħlim kif ukoll fil-pedagoġija. Dawn l-opportunitajiet jipprovdu ħiliet diversi lill-għalliema u jagħtuhom iċ-ċans sabiex jimplimentaw strateġiji innovattivi ta' tagħlim. Bħala eżempju, nistgħu nirreferu għat- taħriġ intensiv li diversi edukaturi ingħataw fl-iżvilupp tal-qari matul is-sena skolastika 2018-2019 permezz ta' proġett tal-Erasmus+.

Barra minn hekk, l-għalliema jiffaċilitaw il-proċess għall-istudenti li jagħrfu l-konnessjoni reċiproka bejn it-tagħlim marbut ma' suġġetti speċifiċi u oħrajn interdixxiplinari. Dan iwassal biex l-istudenti tagħna jkunu kapaċi jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom kif ukoll jiksbu ħiliet siewja għat-tagħlim matul il-ħajja.

Aspett ieħor importanti li l-iskola taħdem għalih huwa li l-istudenti jiżviluppaw identità pożittiva u stima għolja tagħhom infushom. Dan isir permezz ta' proġetti b'temi interkurrikulari li l-iskola tidħol għalihom. Matul is-sena skolastika 2018-2019, fl-iskola kellna għaxar proġetti marbutin mal-ambjent, ix-xjenza, it-teknoloġija u r-robotika li għenu lill-istudenti sabiex ikabbru l-għarfien tagħhom dwar l-iżvilupp sostenibbli filwaqt li jieħdu sehem attiv fit-twettiq tal-azzjonijet meħuda mill-iskola. B'hekk kellhom iċ-ċans li jieħdu d-deċiżjonijiet, jagħtu r-raġunijiet għalihom u jimplimentawhom fl-iskola. Dawn kienu EkoSkola, LEAF (learning about Forests), Dinja Waħda, EWWR (European Week for Waste Reduction), Litterless Campaign, Press Kids, STEM Alliance, Scientix, eTwinning Plus u Water Explorer.



Bħal ma wieħed jista' jinnota dawn l-attivitajiet jirrikjedu ħafna ppjanar, impenn u enerġija. Iżda minkejja dan, l-edukaturi tal-iskola St Francis School f'Bormla jagħmlu minn kollox sabiex iżżomm skola ħajja u attiva f'kull aspett għall-ġid tal-istudenti. B'entużjażmu u b'enerġija ġdida, fi ftit ġimgħat oħra nagħtu bidu għas-sena skolastika ġdida 2019-2020 li fiha l-iskola tagħna se toffri opportunitajiet ġodda kemm lill-għalliema kif ukoll lill-istudenti permezz ta' erba' proġetti kbar tal-Erasmus+. L-għalliema ser ikollhom opportunitajiet ta' taħriġ ieħor u l-istudenti ser jikkomunikaw ma' studenti oħra f'pajjiżi differenti dwar proġetti komuni. Bil-għajnuna t'Alla u tal-fundatriċi l- Venerabbli Madre Margerita, l-edukaturi tal-iskola jibqgħu qalbhom qawwija li jwettqu l-viżjoni tal-iskola b'mod sħiħ.

**Tiftixa N.11: Sib il-kliem mitlufin.**

| | | |
|---|---|---|
| MEJTA | ABIRAM | AJKLI |
| WISSI | IBNI | ITLAQ |
| EŻBAJ | IRBIT | TAR |
| LISSINJA | IMPERU | ROMBLU |
| PAWLU | TUMAS | BITĦA |
| IDUBU | AQBDUNI | BIDU |
| MOD | LIDJA | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | K | M | A | G | A | Q | B | D | U | N | I | P |
| E | G | T | J | I | D | D | I | A | K | W | A | U |
| J | W | U | U | R | Q | V | G | J | W | X | I | N |
| T | K | M | L | B | E | D | I | K | J | S | S | L |
| A | Q | A | B | I | V | M | G | L | S | J | U | I |
| J | B | S | M | T | P | D | I | I | E | D | D | S |
| U | T | I | O | E | M | A | W | F | R | U | I | S |
| M | K | R | R | T | L | D | W | C | K | T | B | I |
| T | O | U | O | A | S | Q | A | L | T | I | A | N |
| B | H | D | T | R | M | Z | A | V | U | N | K | J |
| J | I | D | U | B | U | E | J | C | E | B | A | A |
| C | A | R | D | L | I | D | J | A | Q | I | W | C |
| E | Ż | B | A | J | Q | E | B | I | T | Ħ | A | A |

Isem :_______________________ Skola:_______________________

Kunjom:_______________________ Klassi:_______________________

8< ----------------------------------------------------------------------------------------------------

## Taf tgħidli min? #8

| | |
|---|---|
| 1. Għaliha n-nisa jagħmlu l-ftajjar. (Ġer. 7, 18) | |
| 2. Dawn serquhom u bigħuhom. (Imħ. 2, 14) | |
| 3. Jogħtru taħt il-ħatab. (Lam. 5, 13) | |
| 4. Lil min talbu biex iġib il-Ktieb tal-Liġi. (Neħ. 8,1) | |
| 5. Bl-għalf taħt geddumu ma jgħajjatx. (Ġob 6, 5) | |
| 6. Ġob jifraħ għax ma ċaħadx il-kliem tiegħu. (Ġob 6, 10) | |
| 7. Tqabad mad-Dragun. (Apk. 12, 7) | |
| 8. Siġra tajba tagħmel frott... (Mt. 12, 33) | |
| 9. Niżel f'belt tas-Samarija. (Atti 8, 5) | |
| 10. Lil dan ma jgħidx, "Għelibtu!". (S. 13,5) | |

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Skola | |
| Klassi | |

8< ----------------------------------------------------------------------------------------------------

Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.92 ta' Marzu 2019 u r-rebbieħa huma: Yazmine Cauchi Vassallo (Yr 2, St Francis B'Kara) u Jean Abela (Yr 3, St Francis Gozo).

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 2019. Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
4, St Anne's Convent,
Franciscan Sisters Street
San Gwann, SGN 2341

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

# "Immorru għandu b'fiduċja ta' wlied u nintelqu kollna kemm aħna fit-tmexxija tiegħu."

Venerabbli Qaddejja T'Alla
Madre Margerita

**Sorijiet Franġiskani**
**tal-Qalb ta' Ġesù**
**Provinċja ta' Malta**